MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2005

Numru 217/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur A. Miruzzi)**

**Vs**

Mario Spagnol
Omissis

.

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**

**1) fl-20 ta' Jannar, 2002, wara nofs inhar fil-bajja ta' San Tumas f'Wied il-Ghajn, zammew jew garrew arma tan-nar li kienet ikkargata, jew li kellha l-iskratac fil-magazine, jew barra l-ghata taghha f'post li mhux permess li ssir il-kacca. Dan bi ksur tar-Regolament 8**

**ta’ l-A.L. 146 ta’ 1993 – Regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u tal-Fenek Selvagg;**
**2) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw minn fuq il-bahar, hadu jew ippruvaw jiehdu minn fuq il-bahar, xi ghasfur li mhux imsemmi fl-Skeda III li tinsab mar-Regolamenti ta’ l-A.L. 146 ta’ l-1993 u dan bi ksur tar-Regolament 9(2)(a) ta’ l-A.L. 146 ta’ l-1993;**
**3) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw minn fuq il-bahar b’kull mod ghasafar f’distanza ta’ inqas minn tliet kilometri mill-kosta. Dan bi ksur tar-Regolament 9(2)(b) ta’ l-A.L. 146 ta’ 1993;**
**4) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi garrew fuq il-bahar filwaqt li kienu inqas minn tliet kilometri mill-kosta, arma tan-nar li kella licenzja ghall-kacca li kienet ikkargata, jew bl-iskratac fil-magazine jew li kienet barra mill-ghata taghha. Dan bi ksur tar-Regolament 9(2)(c) ta’ A.L. 146 ta’ 1993;**
**5) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom waqt li kienu fuq xi opra tal-bahar, xi ghasfur haj jew mejjet jew xi parti minn ghasfur, li mhux imsemmi fl-Iskeda III li jinsab mar-Regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ Ghasafar u tal-Fenek Selvagg. Dan bi ksur tar-Regolament 9(2)(f) ta’ l-A.L. 146 ta’ l-1993;**
**6) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom xi ghasfur, haj jew mejjet jew parti minn ghasfur, li ma hux ghasfur inkluz fl-Iskeda I II jew III li jinsabu mar-Regolamenti ta’ 1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg. Dan bi ksur tar-Regolament 12 (1) tal-A.L. 146 ta’ l-1993;**
**7) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ezebew, impurtaw jew garrew, jew offrew ghal bejgh, jew kellhom fil-pussess taghhom ghasfur haj jew mejjet jew parti ta’ xi ghasfur li mhux imsemmi fl-Iskedi I, II jew III tar-regolamenti ta’ l-1993 dwar il-Harsien ta’ l-Ghasafar u l-Fenek Selvagg, kemm il-darba ma ppruvawx li dak l-ghasfur kien importat b’mod legittimu jew li kien imrobbi fil-maghluq. Dan bi ksur tar-Regolament 12(2) ta’ l-A.L. 146 ta’ l-1993;**

**8) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ftehmu, ppruvaw jew ghinu, hajjru, taw parir jew qabbdu xi persuna ohra biex tikser id-dispozizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien tal-Ghasafar u l-Fenek Selvagg jew naqsu milli jikkonformaw ma' xi wiehed minn dawn id-dispozizzjonijiet (inkluzi xi ordni legittima moghtija bis-sahha ta' xi dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti) jew kisru xi restrizzjonijiet, projbizzjonijiet jew htiega imposta minn dawn ir-regolamenti jew bis-sahha taghhom. Dan bi ksur tar-Regolament 25(1)(d) ta' l-A.L. 146 ta' l-1993;**

**9) fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Pulizija sparaw armi tan-nar f'post abitat jew fil-qrib tieghu, jew fit-toroq pubblici, jew fil-portijiet. Dan bi ksur tal-Artikolu 24(2) tal-Kap. 33 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**10) David Spagnol u Jason Spagnol wahedhom akkuzati wkoll talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaccjaw jew ippruvaw jikkaccjaw minn fuq opra tal-bahar meta ma kellhomx licenzja ghal dak l-iskop mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tar-regolament 9(2)(e) tal-A.L. 146 tal-1993;**

**11) Jason Spagnol wahdu talli fl-istess data lok, hin u cirkostanzi minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija kellu fil-pussess jew kontroll tieghu jew kellu f'idejh jew fuqu arma tan-nar jew munizjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 3(1)(A) tal-Kap.66 tal-Ligijiet ta' Malta;**

**12) Jason Spagnol wahdu talli kiser sentenza ta' tmintax-il xahar habs li gew sospizi tlett snin moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali mill-Magistrat Dr. Noel Cuschieri, datata 6 ta' Ottubru, 2000 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula;**

**13) Mario Spagnol wahdu akkuzat talli fil-21 ta' Jannar, 2002, f'Haz-Zabbar kellu ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom ma tidhirx fl-Iskeda I,II jew III li jinsabu mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u Fenek Selvagg li ma humiex registrati mad-Dipartiment ta' l-Harsien ta' l-Ambjent. Dan bi ksur ta' Regolament 17 ta' l-A.L. 146 ta' 1993 kif emendat A.L. 23 ta' l-1997;**

**14) Mario Spagnol wahdu akkuzat ukoll talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-magistrati (Malta) datata 24 ta' Marzu, 1999, Mag. Dr. A. Micallef Trigona, liema sentenza hi definittiva u ma tistax tigi mibdula.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 t'Ottubru, 2004, li biha, wara li rat l-artikoli kollha fuq imsemmija w ukoll r-Regolament 25 ta' l-Avviz Legali 146/93, l-Artikolu 17 u 31 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 28A tac-citat Kap. 9, ikkundannatu ghax sitt xhur prigunerija.

Oltre dan u wara li rat l-Artikolu 25 tal-Avviz Legali 146/93 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 9, ordnat il-konfiska ta' l-ispeed boat u l-karkassi tal-ghasafar u ssospendiet il-licenzji kollha tal-kacca ta' kull imputat sija jekk tal-art jew tal-bahar ghal perjodu ta' hames snin. Dwar l-armi rriservat li tipprovdi dwar il-konfiska jew altrimenti fuq rikors appositu.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 t'Ottubru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha okkorrendo jidhrilha l-kaz, thassar u tikkancella s-sentenza appellata u dan billi tiddikjara l-istess sentenza nulla peress illi ma tikkonfigurax fid-dispost ta' l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jew f'kaz li ma jidhrilix li huwa l-kaz illi tilqa t-talba fuq indikata, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti taghha fejn sabet lill-appellant mhux hati ta' l-akkuza numru tlettax (13), iddikjarat li whud mill-akkuzi l-ohra ma jirrizultaawx jew huma assorbiti f'akkuzi ohrajn u sabitu hati mill-akkuzi l-ohra kollha, u timmodifika l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u konsegwentement tirriduci l-istess.

Fliet l-atti kollha processwali.

**Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1 li ghalkemm l-Ewwel Qorti rravvizat illi xi reati ma jikkonfigurawx jew, jistghu jkunu nvoluti w assorbiti f' xi wiehed mir-reati dedotti , l-Ewwel Qorti bl-ebda mod ma indikat , salv ghall-akkuza numru 13 mill-liema akkuzi fil-fatt kienet qed tillibera lill-appellant jew liema kienu dawk l-akkuzi li**

**attwalment kienu qed jigu dikjarati assorbiti f' reati ohra, w dan sar bi ksur tal-artikiolu 382 tal-Kodici Kriminali. 2. li s-sentenza li nghatat fil-konfront tal-appellant kienet wahda sorprendenti w gravuza ghall-ahhar . Kien sar patteggjament informali bejn id-difiza w l-prosekuzzjoni tramite l-Ispettur Alexander Miruzzi fil-prezenza tal-Magistrat. Dak in-nhar kien sar l-intendiment illi l-piena fil-konfront tal-appellant kellha tkun wahda ta' natura pekunjarja w mhux karcerarja w kien fl-isfond ta' dan kollu li fl-istess gurnata l-appellant kien ammetta l-akkuzi dedotti kontra tieghu ghax kieku kien jirregola ruhu ulterjorment . Il-kambjament imprevvist tal-gudikant ippregudika bil-kbir lill-appellant u dan jista' jkollu ndoli kostituzzjonali ghad-difiza adegwata. Illi ghalkemm il-*plea bargaining* gie introdott quddiem il-Qorti Kriminali u l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja w mhux quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, dan il-kuncett novell ghandu jsib applikazzjoni anki quddiem din l-ahhar Qorti. Ghalhekk fid-dawl tal-fatt li kien hemm patteggjament bejn il-partijiet dwar il-piena w li ma nstemghu ebda xhieda in difesa quddiem l-Ewwel Qorti proprju minnhabba dan il-patteggjament , l-appellant issottometta illi mhux biss l-Ewwel Qorti ma kellha ebda raguni valida sabiex tiddipartixxi minn dak li kien qed jigi lilha sottomess mill-partijiet , izda wisq anqas ma kellha xi gustifikazzjoni wahda remota kemm remota sabiex tapplika piena fil-quantum li effettivament applikat ; 3. li l-piena kienet wahda eccessiva fic-cirkostanzi ; li hu ghandu fedina penali relattivament tajba w inoltre l-appellant ser ikun tilef l-speedboat tieghu illi tiswa' eluf ta' liri w l-licenzja tal-kacca tieghu ghall-periodu ta' hames snin. Li l-piena mhix wahda proporzjonata meta kumparata ma dik inflitta fuq l-akkuzat Jason Spagnol li ghandu fedina penali ferm aktar gravi w li gie kundannat biss tlitt xhur prigunerija ossia nofs dak li gie kundannat l-appellant.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Rat il-verbal ta’ Dr. Jose’ Herrera li bih iddikjara li l-appellant kien qed jirrinunzja ghall-aggravju tieghu dwar in-nullita’ tas-sentenza u ghat-talba biex is-sentenza tigi dikjarata nulla ghax ma tinkwadrax fid-dispost tal-artikolu 382 u ghalhekk irtira l-ewwel talba tieghu.**

**Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta’ Novembru, 2004 , li bih il-prosekuzzjoni w d-difiza qablu li l-provi fl-appell odjern u dawk fi-appell numru 217/2004 jinstemghu kontestwalment u jkunu applikabbli fiz-zewg kawzi;**

**Semghet ix-xhieda tal-Ispettur Alexander Miruzzi;**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Li ladarba l-ewwel aggravju gie rtirat , din il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra t-tieni aggravju , fejn skond ir-rikors tal-appell u t-trattazzjoni orali l-appellant jilmenta li hawn si trattava ta’ ammissjoni karpita b’ xi malintiz dwar “*plea bargaining*”.**

Dan it-tieni aggravju hu bazat fuq l-allegazzjoni li quddiem l-Ewwel Qorti kien intlahaq intendiment li kellha tigi nflitta piena pekunjarja . Dwar din l-allegazzjoni gie prodott l-**Ispettur Alexander Miruzzi** li xehed li kien jiftakar li hu, Dr. Herrera w Dr. Ian Farrugia kienu dahlu fis-sigrieta tal-Magistrat Micallef Trigona w tkellmu fuq il-possibbilta’ t’ ammissjoni w fuq piena relattiva. Ftakar ukoll li l-Magistrat stess kien issuggerixxa li fir-rigward tal-appellant odjern Mario Spagnol il-piena kellha tkun wahda pekunjarja bejn hames mija w elf lira w mhux wahda karcerarja. Kien l-istess Magistrat li baghat ghalihom fis-sigrieta. Kien umbaghad fis-seduta ta’ wara li l-appellant odjern Mario Spagnol ammetta.

**L-ispettur zied jghid pero' li fir-rigward tal-appellant l-iehor Jason Spagnol, meta Dr. Ian Farrugia kien tkellem mall-Magistrat fuq piena pekunjarja , hu kien spjega lill-avukat li l-appellant l-iehor kellu recidiva daqxejn izjed serja u li kien hemm dik il-problema w d-diskursata minn-naha tieghu , waqfet hemm . F'dak il-kaz ghalhekk ma kien hemm ebda ftehim u hu kien halla f' idejn il-Magistrat u ma qaghadx jidhol fiha w dan ukoll minhabba n-natura differenti tal-akkuzi fil-konfront tat-tlieta .**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dan il-kuncett ta' patteggjament dwar il-piena , sia pure' seta' kien fil-prattika dejjem adoperat b' mod informali kemm fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali , ddahhal ghall-ewwel darba b' forma istituzzjonalizzata fil-ligi penali taghna bl-artikolu gdid 453A, introdott bl-Att III tas-sena 2002 u emendat bl-Att XIII tas-sena 2002. Dan l-artikolu jifforma parti mit-Taqsim I tat-Tieni Ktieb , Titolu IV, :** "Fuq il-Qorti Kriminali". **Bhala rizultat ta' dan l-artikolu gdid b' effett minn Ottubru, 2003, sar possibbli li, qabel mal-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew mhux hati quddiem il-Qorti Kriminali, l-akkuzat u l-Avukat Generali jitolbu lil dik il-Qorti li, fil-kaz ta' ammissjoni, tapplika sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni ta' sanzjonjiet jew mizuri tax-xorta u l-kwantita' miftehma bejnithom. Jekk il-Qorti Kriminali tkun sodisfatta li s-sanzjoni jew mizura jew sanzjonijiet jew mizuri mitluba jkunu tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat jew reati li dwaru jew dwarhom l-akkuzat ikun ammetta l-htija u ma jkollhiex ghaliex tordna li jsir il-guri tal-kaz jew ghal xi raguni ohra tichad it-talba, wara li tispjega lill-akkuzat bi kliem car x' ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, l-Qorti Kriminali, meta ssir l-ammissjoni ta' htija ta' l-akkuzat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha indikata mill-partijiet. Umbaghad tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-**

**sentenza li tkun qeghdha tinghata tkun qeghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet.**

**Fil-prattika kemm ilha li dahlet in vigore din id-dispozizzjoni gdida, l-Qorti Kriminali qed tirrikjedi li t-talba ssir bil-miktub permezz ta' rikors jew nota kemm jista' jkun minn qabel u possibilment qabel id-data appuntata ghas-smiegh tal-kawza w li kull diskussjoni dwar it-talba issir "**in open court**" , biex titnehha kull ombra ta' suspett li l-affarijiet mhux qed isiru fid-deher u kif suppost u biex jigi eliminat kull suspett t' abbuz possibbli li wiehed facilment jista' jimmagina li jista' jigi eskogitat mill-partijiet involuti, jew xi hadd minnhom. Hu mahsub li fejn il-Qorti Kriminali ma tkunx taqbel mas-sanzjoni jew mizura miftehma , li ukoll** "in open court" **tiddikjara li, f' dak l-istadju, l-Qorti ma tistax taderixxi ghat-talba.**

**L-artikolu 392A (5) gdid umbaghad jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu 453A fuq imsemmi ghall-proceduri quddiem il-**Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istrutorja **qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati, pero' f' dan il-kaz irid jidher l-Avukat Generali quddiem dik il-Qorti w n-nota ssir mill-Avukat Generali w mill-imputat flimkien u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A tkun bizzejjed ghal dan il-ghan.**

**Illi fl-assenza ta' dispozizzjoni "ad hoc" li tkun tapplika ghall-Qrati ohra ta' gudikatura kriminali, ma jidhirx li dan l-istitut japplikja ghalihom ukoll. Ghalhekk , ghalkemm mhux eskluz li anki quddiem dawn il-Qrati il-Prosekuzzjoni w d-difiza jistghu jkunu konkordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f' kaz ta' ammissjoni ta' htija, dan ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta' dik il-Qorti , kif ghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe' jew bil-fomm waqt l-udjenza "**in open court**" jew per mezz ta' xi att gudizzjarju bhal nota konguntiva jew rikors konguntiv tal-partijiet, debitament pprezentat fir-registru skond kif titlob il-ligi jew seduta stante.**

**Isegwi mill-fatt li l-fehma tal-partijiet dwar il-piena ghandha tingieb jew fl-udjenza** "in open court" **jew permezz ta' att gudizzjarju konguntiv, li l-gudikant** ma ghandu qatt jiddiskuti mad-difensur ta' parti jew ohra, jew mad-difensuri taz-zewg partijiet, kameralment il-piena li tkun qed tintalab jew li dwarha l-partijiet ikun qed jippatteggjaw jew jippruvaw jippattegjaw**. Fis-sistema taghna, kemm qabel ma l-patteggjament gie istituzzjonalizzat kif aktar 'l fuq inghad, kif ukoll illum, il-gudkant ma jiehu ebda parti f'tali patteggjament hlief li, fit-termini tal-Artikolu 453A imsemmi, jiddikjara fil-qorti bil-miftugh jekk jaqbilx mas-sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni taghhom li jkunu qed jigu proposti mill-partijiet. U b'mod partikolari fejn ma japplikax formalment l-Artikolu 453A – jigifieri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – jekk isiru xi sottomissjonijiet minn parti jew ohra (dejjem fil-qorti bil-miftugh) dwar il-piena minhabba possibilita` ta' ammissjoni,** l-gudikant ma ghandu qatt jindika x'sentenza jkollu f'mohhu li jaghti f'kaz li jkun hemm ammissjoni**, salv ghal eccezzjoni wahda, u cioe` li gudikant jista' jindika li sia jekk ikun hemm ammissjoni w sia jekk le, s-sentenza fi kwalunkwe kaz ser tiehu <u>forma</u> partikolari (per ez. piena karcerarja, jew *probation* jew *conditional discharge*). Din ir-regola, bl-eccezzjoni ghaliha, giet l-ewwel darba formulata minn Lord Chief Justice Parker fil-kaz** *R. v. Turner* **(1970) 54 Cr.App.R. 352, u llum giet konsolidata f'ewwel parti tal-paragrafu 45.4 tal-***Practice Direction (Criminal Proceedings: Consolidation) [2002] 1 WLR 2870* **li tghid hekk: *"The judge should, subject to one exception, never indicate the sentence which he is minded to impose. The exception is that it is permissible for a judge to say, if it be the case, that, whatever happens, whether the accused pleads guilty or not guilty, the sentence will or will not take a particular form…"*. Fejn din ir-regola ta' buon sens ma gietx osservata, inqalghu problemi. Hekk, per ezempju, fil-kaz** *R. v. Atkinson* **(1977) 67 Cr.App.R. 200 Lord Scarman qal hekk:**

“It is to be observed, greatly to his credit, that everything the judge did in the present case he did in open court in full view of the public. But unfortunately what he did could very well give the impression to this appellant, as well as to other defendants, that there was a bargain: if you plead guilty one result; if you plead not guilty another. Some, including the accused, might well think pressure was being exerted on him to plead guilty. It is that which is so damaging to the face of justice…" **(ara** *Stockdale and Devlin on Sentencing*, **Waterlow Publishers (London) 1987, pp. 45-46).**

**Kull partenza minn dawn il-linji gwida trasparenti fuq indikati jista’ johloq komplikazzjonijiet ghad-debita amministrazzjoni tal-gustizzja w jirriskja li johloq dubji , konflitti , suspetti t’ abbuzi jew addirittura abbuzi . Ghalhekk zgur li mhu xejn rakkomandabbli li jsiru inkontri “*in camera*” bejn xi parti jew iz-zewg partijiet u l-gudikant bil-ghan li jsiru patteggjamenti dwar il-piena.**

**Altrimenti, peress li ma jkun hemm ebda “*record*” preciz ta’ dak li jkun intqal jew ma ntqalx, dak li jkun gie miftiehem jew sottintiz jew forsi fra-intiz , tinholoq problema biex wiehed jistabilixxi ezatt x’ ikun intqal, gie miftiehem jew mahsub li gie miftiehem. U peress li “*quod non est in actis , non est in mundo*” , qorti ta’ revizjoni rinfaccata b’ kwistjoni dwar xi intendiment o meno li seta’ ntlahaq jew ma ntlahaqx tkun priva mill-fatti certi li fuqhom tista’ tigi msejjha biex tiddeciedi.**

**Ghalhekk , fil-fehma ta’ din il-Qorti , kull trattattiva dwar il-piena quddiem il-Qrati l-ohra ta’ gurisdizzjoni kriminali li mhumiex il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja , trid issir jew** in open court **u/jew** per mezz ta’ atti gudizzjarji registrati **w meta ma jsirx dan , ebda parti ma ghandha mbaghad tilmenta minn xi sorpriza jew addirittura minn xi ngustizzja quddiem Qorti ta’ revizjoni.**

Galadarba f’ dan il-kaz , dan ma giex segwit, din il-Qorti ma tista’ tiehu ebda konjizzjoni ta’ dak li gara u ma garax

fis-sigrieta tal-Magistrat u li dwaru ma hemm xejn registrat fl-atti processwali. Ghalhekk taht dan l- aspett l-ewwel aggravju tal-appellant qed jigi respint.

Illi t-tielet aggravju tal-appellant jikkonsisti f’ zewg aspetti; l-ewwel wiehed li l-piena ta’ sitt xhur prigunerija hija harxa fiha nnifisha w t-tieni wiehed hu li ma kienx hemm proporzjon bejn il-piena li nghatat lill-appellant Mario Spagnol, komparata ma dik ta’ tlitt xhur habs li inghatat lill-appellant ko-akkuzat iehor Jason Spagnol li kellu kondotta aghar minn dik tal-appellant odjern.

**Issa dwar l-ewwel aspett jintqal li f’ kull kaz il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella” **[14.6.1999]** , **“**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina” **[24.4.2003] u ohrajn.) F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi.**

**Di fatti fil-kaz in ezami jrid ukoll jigi osservat li ghal kull wahda mill-ewwel tmin imputazzjonijiet l-appellant, bhala persuna hatja tat-tieni reat kontra r-regolamenti kontenuti fl-Avviz Legali 146 tal-1993, kif emendat , skond il-fedina penali aggornata tieghu, seta’ wehel sahansitra multa ta’ mhux aktar minn elf lira Maltija , jew prigunerija ghal zmien ta’ mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u prigunerija flimkien, kif kienet il-ligi fiz-zmien tar-reat. Fil-waqt li hu gie liberat mid-disa’ imputazzjoni w mit-tlittax l-imputazzjoni, hu nstab hati fuq ammissjoni ta’ recidiva w dan seta’ jwassal biex il-pieni massimi fuq imsemmija jizdiedu bi grad. Issa anki jekk wiehed kellu jqis xi assorbiment li jissemma espressament fis-sentenza u li seta’ kien hemm, kemm minhabba l-konkors formali tar-reati jew minnhabba l-applikazzjoni tal-artikolu 17 (h) kif ukoll minhabba l-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali, hu ovvju li l-piena ta’ sitt xhur prigunerija ghar-reati mertu ta’ din il-kawza kienet wahda mhux esagerata**

**fic-cirkostanzi, tenut kont tal-gravita' tar-reat , il-mod sfaccat li bih gie kommess u l-opprobju socjali li holoq kemm lokalment kif ukoll barra minn xtutna.**

**Illi dwar it-tieni aspett tal-aggravju in ezami li jirrigwarda n-nuqqas ta' proporzjonalita', ssir riferenza ghal dak li gie deciz minn din il-Qorti kif preseduta fl-appelli kriminali : "**Il-Pulizija vs. Aronne Cassar**"** **u "**Il-Pulizija vs. Noel Frendo " **[decizi 28.10.2004] , fejn din il-Qorti ghamlet riferenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenzi taghha fil-kawzi "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Omissis u Brian Godfrey Bartolo" **[14.11.2002] u** "The Republic of Malta vs. Omissis and Perry Ingomar Toornstra" **[12.6.2003], f' liema zewg sentenzi gew citati b'approvazzjoni brani mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE **u minn** ARCHBOLD , "Criminal Pleading , Evidence and Practice" **, li jezaminaw x' jghidu l-Qrati Inglizi f' sitwazzjonijiet simili, biex wiehed jislet certi linji ta' gwida.**

**Hekk fil-**BLACKSTONE'S **2001, (para. D22.47 p.1650) jinghid :-**

***"A marked difference in the sentences given to joint offenders is sometimes used as a ground of appeal by the offender receiving the heavier sentence. The approach of the Court of Appeal to such appeals has not been entirely consistent. The dominant line of authority is represented by*** *Stroud* ***(1977) 65 Cr App R 150. In his judgement in that case, Scarman LJ stated that disparity can never in itself be a sufficient ground of appeal – the question for the Court of Appeal is simply whether the sentence received by the appellant was wrong in principle or manifestly excessive . If it was not, the appeal should be dismissed, even though a co-offender was, in the Court of Appeal' s view treated with undue leniency. To reduce the heavier sentence would simply result in two rather than one, over-lenient penalties. As his Lordship put it, 'The Appellant's proposition is that where you have one wrong sentence and one right***

***sentence, this Court should produce two wrong sentences. That is a submission which this Court cannot accept.' Other similar decisions include*** *Brown* ***[1975] Crim LR 177,*** *Hair* ***[1978]*** *Crim* ***LR 698 and*** *Weekes* ***[1980] 74 Crim App R 161….. However, despite the above line of authority, cases continue to occur in which the Court of Appeal seems to regard disparity as at least a factor in whether or not to allow an appeal (see, for example,*** *Wood* ***(1983) 5 Cr App R (S) 381). The true position may be that, if the appealed sentence was clearly in the right band, disparity with a co-offender's sentence will be disregarded and any appeal dismissed, but where a sentence was, on any view, somewhat severe, the fact that a co-offender was more leniently dealt with may tip the scales and result in a reduction.***

*Most cases of disparity arise out of co-offenders being sentenced by different judges on different occasions. Where however, co-offenders are dealt with together by the same judge, the court may be more willing to allow an appeal on the basis of disparity. The question then is whether the offender sentenced more heavily has been left with 'an understandable and burning sense of grievance' (**Dickenson** [1977] Crim LR 303). If he has, the Court of Appeal will at least consider reducing his sentence. Even so, the prime question remains one of whether the appealed sentence was in itself too severe. Thus in **NOOY** (1982) 4 Cr App R (S) 308, appeals against terms of 18 months and nine months imposed on N and S at the same time as their almost equally culpable co-offenders received three months were dismissed. Lawton LJ said :*

*"There is authority for saying that if a disparity of sentence is such that appellants have a grievance, that is a factor to be taken into account. Undoubtedly, it is a factor to be taken into account, but the important factor for the court to consider is whether the sentences which were in fact passed were the right sentences."*

ARCHBOLD **(2001 para. 5-174,p.571 jikkumenta hekk :-**
***"Where an offender has received a sentence which is not open to criticism when considered in isolation,***

***but which is significantly more severe than has been imposed on his accomplice, and there is no reason for the differentiation, the Court of Appeal may reduce the sentence, but only if the disparity is serious. The current formulation of the test has been stated in the form of the question: "would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had one wrong with the administration of justice ?"*** **(per Lawton LJ in** *R. v Fawcett* **, 5 Cr. App. R. (S) 158 C.A.).** ***The Court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant*** **(see *R. v. Large*, 3 Cr. App. R. (S) 80 , C.A.)** ***There is some authority for the view that disparity will be entertained as a ground of appeal only in relation to sentences passed on different offenders on the same occasion : see*** *R. v. Stroud* ***, 65 Cr. App. R. 150 C.A. It appears to have been ignored in more recent decisions, such as in*** *R. v. Wood … Fawcett*, ***ante and*** *Broadbridge* ***, ante. The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentences between offenders involved in the same case, irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in*** *Fawcett* ***is satisfied."***

**Issa fil-kaz in ezami si tratta  ta' allegata disparita'fil-piena bejn zewg ko-akkuzati fl-istess process, ghax inghatat sentenza ta' sitt xhur prigunerija lill-appellant li fil-fedina penali tieghu ghandu biss kundanna wahda ghal reati relatati mall-kacca meta lill-ko-akkuzat iehor Jason Spagnol inghatat sentenza ta' tlitt xhur prigunerija meta l-fedina penali ta' dan tal-ahhar kienet ferm aktar refrattarja.**

**Issa fil-fatt mhux ezattament hekk gara ghaliex l-Ewwel Qorti fil-kaz ta' Jason Spagnol l-ewwel ma ghamlet kien li ddecidiet li ma testendix it-terminu operattiv ta' sentenza sospiza , kif jidher li kienet qed titlob li jsir id-difiza ta' dak il-ko-akkuzat , u minnflok**

**iddecidiet li sentenza sospiza ta' tmintax il-xahar li kien wehel dak il-ko-akkuzat tigi attivata. Ghalhekk meta l-Ewwel Qorti giet biex tistabilixxi l-piena ghar-reati mertu ta' din il-kawza w li kwazi huma identici ghal dawk li taghhom l-appellant odjern ammetta l-htija tieghu, kienet konsapevoli li l-ko-akkuzat l-iehor gja ser ikoillu jservi sentenza attivata ta' tmintax il-xahar habs. Dan l-Ewwel Qorti ghamlitu car fil-paragrafu b. fl-ahhar faccata tas-sentenza appellata u jidher car li kien dan li spingiha li ma tikkargax izzejjed il-piena ghar-reati odjerni fil-konfront ta' dak il-ko-akkuzat.**

**Meta giet ghall-appellant odjern il-Qorti qalet li dan hu recidiv taht l-Avviz Legali 146/1993 u ghalhekk fil-konfront tieghu kellha tigi imposta l-prigunerija ta' sitt xhur.**

**Issa meta wiehed iqis il-kwantita' ta' reati li ammetta l-appellant Mario Spagnol, il-fatt li hu recidiv fl-istess xorta ta' reati w l-hsara li tali reati qed jaghmlu ghall-isem ta' Malta kif ukoll ghall-isem tal-isport legittimu tal-kaccja w nsib f' dawn il-Gzejjer , din il-Qorti taqbel ma l-Ewwel Qorti li l-piena karcerarja kienet indikata ghal min , bhal appellant , ma jridx jitghallem li anki fl-isport tal-kaccja – meta tkun licenzjat – hemm regoli w ligijiet li jridu jigu osservati w obduti u mhux sfidati b' mod regolari f' wicc kullhadd kif gara f' mod sfaccjat f' dan il-kaz .**

**Ghalhekk li wiehed irid jara hawn hu jekk l-appell odjern huwx fondat ghax is-sentenza ta' sitt xhur prigunerija ma kienetx gusta fiha nnifisha u jekk kienetx minnha nnifisha tindika li sar xi haga mhux suppost fl-amministrazzjoni tal-gustizzja. Fil-fehma ta' din il-Qorti, indipendentement minn kull konsiderazzjoni ohra, sentenza ta' sitt xhur prigunerija kienet altru milli gusta ghall-htijiet ammessi mill-appellant Mario Spagnol .**

**Ghalhekk din il-Qorti thoss li oggettivament is-sentenza appellata hija wahda gusta w certament ma**

**tistax titqies bhala "*wrong jew manifestly excessive*". Dan l-ahhar aggravju tal-appellant ghalhekk qed jigi respint.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------